# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 10 ta' Awwissu, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Julian Ismael Hernando Calvo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Julian Ismael Hernando Calvo, detentur tal-karta ta' l-identita Spanjola bin-numru 25736040Y.

Akkuzat talli fid-9 ta' Awwissu, 2016 ghall-habta tal-11:10am gewwa 222, Flat 1, Triq San Albert, Gzira:

1. Garr 'il barra minn 222, flat 1 , St Mary's Flats, Triq San Albert, Gzira jew id-ditorni tieghu sikkina b'xafra ta' 19 –il centimetru minghajr ma' kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.
2. Hebb ghal Carmelo Borg u Jason Falzon sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmel il-hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor
3. Ghamel lil Carmelo Borg u Jason Falzon ingurji jew theddid b'arma regolari li taqta' u bil-ponta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tipprovi ghas-sigurta ta' Carmelo Borg u Jason Falzon billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-ewwel imputazzjoni multa ta' mija sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), ghat-tieni imputazzjoni ammenda ta' tlettin Euro (€30) u ghat-tielet imputazzjoni ammenda ta' tlettin Euro (€30). In oltre il-Qorti qed tordna l-konfiska tas-sikkina esebieta bhala Dok JR4.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**